**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 10/07 - 21 Novembru 2013 - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *17:45PM* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku ta merħba lill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Mellicent Scerri. Is-Sindku spjega li l-preżenza tagħha mhix ser ikun biss ta' osservatriċi imma li tisma' u twassal ukoll l-ilmenti ta' żgħażagħ oħra b'ko-ordinazzjoni mal-kunsillier responsali mid-dekasteru taż-żgħażagħ. Dawk preżenti sellmu wkoll lis-Sinjorina Scerri.**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa 08/07 tal-Erbgħa 29 t'Ottubru 2013 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

**i.** Is-Sindku qal li għadna ma' rċevejna ebda risposta mingħand iċ-Chairman tal-MTA dwar l-ittra mibgħuta lilu għall-ftehim sabiex l-Information Kiosk ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi titmexxa mill-MTA. ERDF – Proposta ta' Agreement mal-MTA

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-każ tas-Sur Vincent Schembri, ser tintbgħatlu ittra bl-Avukat. Vince Schembri

iii Rigward il-ground 5 aside, Is-Sindku qal li għadna qed niġbru kwotazzjonijiet għax-xibka peress li l-aħħar kwotazzjoni li għandna issa ilha ftit. 5 aside Ground

iv Rigward il-Berġa, is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jaqblux li l-partition tal-Aluminium jitressaq. Berga

iv.i Il-Viċi Sindku wieġeb li dan ix-xogħol irid isir mill-Health Dept stess għas-spejjeż tagħhom.

iv.ii Il-Kunsill qabel li din il-partition titressaq u li x-xogħol isir għas-spejjeż tal-Health Dept.

v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu qegħdin il-Qorti fuq każ ieħor, avviċinahom l-Avukat ta' dan il-Kuntrattur fejn talabhom biex jiltaqaw flimkien madwar mejda u jiddiskutu l-każ. Diskepanzi fit-tenders ta' Skips u Concrete

v.i Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa u li għal din il-laqgħa jkunu preżenti s-Sindku, s-Seg. Eżek. u l-Avukat tal-Kunsill kif ukoll il-Kuntrattur in kwistjoni flimkien mal-avukat tiegħu.

vi Rigward l-Aġġudikar ta' Tenders is-Sindku ta aktar dettalji skond l-ispjegazzjoni t'hawn taħt :

**vi.i** **Collection of Bulky Refuse** **Bulky Refuse**

Is-Seg. Eżek. spjega li hekk kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, intbgħatu l-ittri kollha kif meħtieġ. Is-Sur CHRISTOPHER VELLA ġie mitlub sabiex fi żmien għaxart ijiem jippreżenta d-dokumenti kollha meħtieġa. Sadanittant l-istess Sur Vella wieġeb lura lill-Kunsill li m'għadux interessat li jidħol għal din it-tender. Għalhekk kif kien ukoll diġa deċiż, il-Kunsill ser jgħaddi għat-tieni l-irħas offerta li hija dik tas-Sur Jimmy Muscat. Is-Seg. Eżek. ser jibgħat jinforma lil dan il-Kuntrattur.

vi.i.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġbir issa ser jibda jkun imqassam fuq darbtejn fil-ġimgħa jiġifieri kull nhar ta' Tnejn u kull nhar t'Erbgħa.

**vi.ii** **Cleaning & Attendance of Public Convenience** **Public Convenience**

Is-Sindku talab lis-Seg. Eżek. jispjega x'ġara f'dan il-każ. Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li tkellem mad-Dipt. Gvern Lokali għal aktar kjarifika. Dan id-Dipt. rreferewh għad-Dipt. tal-Kuntratti fejn fl-ispeċifiku tkellem mal-Avukat li għandu x'jaqsam mat-Tenders. L-Avukat spjegalu li l-Prim Ministru ħareġ struzzjonijiet lis-Segretarji Permanenti kollha sabiex kull Entita' Governattiva ma' kull Tender trid tinkludi wkoll id-Dikjarazzjoni marbgħuta mal-Prekarjat.

vi.ii.i Il-Seg. Eżek. kompla jispjega li l-Avukat qallu li jekk Kunsill Lokali jkun diġa ħareġ tender u

għadha fil-fażi tal-Aġġudikar, qabel ma' din tiġi aġġudikata għandha timtela' din d-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija mill-partijiet ikkonċernati.

vi.ii.ii Il-Viċi Sindku talab li dan kollu ningħatawh bil-miktub sabiex b'hekk il-Kunsill ikun kopert. Is-Seg. Eżek. qara l-ittra li rċieva mingħand l-Avukat kif ukoll kkwota l-paġna tas-sit elettroniku ta' fejn wieħed jista' jirreferi għal aktar dettalji u linji gwida.

vi.ii.iii Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament wasal għall-konklużjoni li din it-Tender Nru 001/2013 tiġi rrtirata u minflokk ser tinħareġ sejħa għall-offerta oħra ġdida għall- ***"Public Convenience - Cleaning & UNATTENDED".*** Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jibgħat l-ittri skond kif meħtieġ.

**vi.iii <u>Provision of Open Skips and Skips on Wheels</u>**

Is-Seg. Eżek informa lill-Kunsill li huwa bgħat ittra reġistra lis-Sinj. Josephine Dimech għall-Kumpanija DIMBROS fejn fiha kkwotalha l-prezzijiet hekk kif ġew mitfugħa fit-tender *TLC 003/2013 – Provision of Open skips & Skips on Wheels.* Is-Sinj. Dimech irrispondiet lura li taċċetta l-prezzijiet hekk kif dedotti fit-tender mitfugħa jiġifieri €39.84 għall-OPEN SKIPS u €3.90 għall-Skips 1100ltrs. Open Skips & Skips on Wheels

Is-Seg. Eżek. qara iż-żewġ ittri msemmija.

vi.iii.i Il-Kunsill qabel unanimament li naċċettaw dan it-Tender bil-prezzijiet hekk kif ikkwotati fit-tender mitfugħa.

vii Rigward id-dettalji tal-Garanziji Bankarji mitluba mill-Viċi Sindku fil-laqgħa preċedenti, is-Seg. Eżek. infurmah li kiteb u saħansitra ċempel lil kull Kuntrattur fejn infurmahom li sa mhux aktar tard mill-aħħar tax-xahar ta' Novembru 2013 iridu jirregolaw l-pożizzjoni tagħhom u f'każ li ma jsirx hekk il-Kunsill ser jikkunsidra li jitterminalhom il-kuntratt.

vii.i Il-Viċi Sindku insista mas-Seg. Eżek. sabiex fl-aħħar tax-xahar jibgħatlu lista dettaljata bl-informazzjoni miġbura. Is-Sindku qal li f'dak il-każ id-dettalji jintbgħatu lill-Kunsillieri kollha u għalhekk qed jissuġġerixxi li ssir laqgħa urġenti sabiex tiġi diskussa din il-materja.

vii.ii Il-Kunsill qabel unanimament li ssir Laqgħa Urġenti Nru 11/07 it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2013 sabiex tiġi diskussa din il-materja.

*Is-Sur Lawrence Bonavia attenda fis-17:45pm*

viii Is-Sindku qal li għadna qed nipprovaw nagħmlu kuntatt ma' Cassar Ship Repair biex inkomplu niddiskutu l-pendenzi li għandna. Sadanittant wasal kont ieħor tad-dawl tal-grawnd. Is-Seg. Eżek. ser jibqa' jipprova jagħmel kuntatt magħhom. 5 aside ground

**3 Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)**

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha. Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri. Skeda

ii Ġie mressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-Quarterly Report. Is-Seg. Eżek. ta' spjegazzjoni ta' dan id-dokument.

Is-Sindku, Is-Seg. Eżek u żewġ Kunsillieri ffirmaw dan id-dokument.

iii Is-Seg. Eżek. ta lil kull Kunsillier Rapport ippreparat mill-Accountant tagħna li jispjega ċar il-proċess kollu tal-PPP. Kopja ta' dan ir-Rapport ingħata wkoll lid-Direttur Gvern Lokali. Rapport PPP

**4 Rapport tal-Kunsillieri**

*Rapport mis-Sindku Joseph Abela*

i Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri dwar il-programm t'Attivitajiet għal żmien il-Milied. Is-Sindku qal ukoll li dan il-Programm ser jiġi mqassam f'kull residenza.

i.i Il-Viċi Sindku talab rendikont ta' l-ispejjeż ladarba jgħaddu dawn l-Attivitajiet. Is-Sindku kkonferma li hekk kien ser isir.

ii Fid-29 ta' Diċembru 2013 meta ser tiġi jorganizzata l-Open Day tal-Kunsill, is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex min jista' jattendi. Ser jintbgħatu l-inviti fosthom lill-Għaqdiet, Pulizija, Kappillan u Kleru.

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li l-applikazzjonijiet għall-korsijiet tal-Artiġġjanat għadhom miftuħa. Sadanittant il-lezzjonijiet tal-ganutell u l-beading bdew.

ii Is-Sur Agius qal l-applikazzjonijiet għal żewġ korsijiet tal-kompjuter dawk għall-adulti fuq livell ta' Beginners u ieħor tal- ECDL organizzati mit-TCTC issa għalqu u jidher li kellna konkorrenza tajba ħafna min-nies.

iii Is-Sur Agius ġibed l-attenzjoni li l-isem għal dan "l-Oratorju" huwa Marija fil-Qalb Maltija.

iv Is-Sur Agius qal li l-ħarġiet kulturali ma' l-Għaqda Ħal Tarxien maż-Żmenijiet, ġew posposti għas-sena d-dieħla.

v Is-Sur Agius informa lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' Sinjura Bulgara fejn din is-Sinjura xtaqgħet l-involviment u/jew għajnuna tal-Kunsill għall-proġett tal-UE biex issir promozzjoni għall-"Employabilty" tan-niesa l-aktar fiz-zona tal-Mediterran.

v.i Is-Sindku staqsa jekk xi ħadd mill-Kunsill hux interessat.

Ii Is-Sur Agius ser jerġa jagħmel kuntatt ma' din is-Sinjura fejn ser jinfurmaha li dan il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jidħol għal dan il-proġett.

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i Is-Sur Darmanin talab sabiex isiru xi tibdiliet meta naslu għall-għażla taż-Żgħażugħ Tarxiniż. Il-proposti huma :-

a) il-Bord tal-Għażla jkun kompost min-nies mhux minn Ħal Tarxien.
b) Żgħażugħ/a li jkun rebaħ diġa ma jistax jerġa jiġi nominat.

Il-Kunsill qabel li jsiru dawn it-tibdiliet.

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet li l-attivita' soċjali tal-14 ta' Novembru 2013 li organizzat għand Tal-Barri restaurant fl-Imġarr kienet suċċess.

ii Is-Sinj. Vella qalet li fi 28 ta' Diċembru ser torganizza l-ħarġa tat-tfal. Hija talbet sabiex il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-coach.

Il-Kunsill qabel li jħallas il-coach.

iii Is-Sinj. Vella ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill żewġ persuni sabiex jingħaqdu mas-Sotto Kumitat tagħha. Dawn iż-żewġ sinjuri huma :

a) is-Sinjura Doris Farrugia
b) is-Sinjura Gladys Abela

Il-Kunsill approva dawn iż-żewġ persuni.

*Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

i Is-Sur Lawrence Bonavia qal li għal din is-sena wkoll rega b'mod volontarju ta l-injections kontra l-influwenza lir-residenti Tarxinizi. Kien hemm numru sabiħ ta' madwar 200 ruħ.

5 **Ħwejjeġ Oħra**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand il-Paramount Bar sabiex nagħtuh l-permess biex taħt il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra jpoġġi tankijiet tal-gas. Dan qed jitolbu għaliex l-Awtoritajiet m'għadhomx jagħtu permess li tankijiet jitpoġġew ġewwa imma barra għall-apert u jimtlew bħal tal-pompi tal-petrol. L-ispejjeż involuti ser ikunu kollha koperti minnu.

ii Saret diskussjoni li jekk dawn it-tankijiet jitpoġġew taħt il-parti ta' quddiem tal-Monument jistgħu jkunu ta' periklu kbir jekk ikun hemm xi inċident ta' xi vettura li tidħol fil-Monument bħalma ġieli ġara. Is-Sindku ser jerġa jkellem lil sid il-ħanut u jinfurmah b'dan kollu.

8 **Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**